**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 304/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Owen James Formosa**

Illum l-erbgħa (4) ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Owen James Formosa**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 429385(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Awwissu 2018 għall-ħabta tal-22:00hrs fi Triq Aruka, Attard:

1. volontarjament ikkaġuna ħsara fi ħwejjeġ (i.e. ħġieġa ta' bieb) liema ħsara ma tiskorrix it-tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għad-dannu tal-ġenituri tiegħu Joseph Formosa u Julia Formosa;

2. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Joseph Formosa u Julia Formosa skont it-termini ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra skont it-termini ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Ottubru 2019 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 325(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u kkundannatu tliet (30 xhur priġunerija flimkien ma' Ordni ta' Trattament taħt Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ordni ġiet annessa mas-sentenza. L-Ewwel Qorti spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk l-ordni ma tiġix obduta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tvarja s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru 2019, b'dana illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha, tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal terminu ta' tliet xhur priġunerija effettivi oltre l-ħruġ Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi preżenti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell dwar varjazzjoni fil-piena. Fil-fatt l-aggravju tal-appellant huwa li huwa ngħata ċansijiet mill-Qorti biex jagħti affidament denju imma hu għadda minn żmien diffiċli ferm minħabba l-vizzju tad-droga. Jisħaq li pprova jegħleb il-vizzju għalkemm ma għarafx jikkoordina mal-Uffiċjal tal-*Probation*. Jgħid li issa għandu impieg fiss u qed jiddedika l-ħin tiegħu għax-xogħol. Jgħid ukoll li qed isib għajnuna minn nies ta' madwaru nkluża s-sieħba tiegħu u li minn jeddu qed jattendi l-Caritas. Jargumenta li f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jidhirx li għandu jkun ikkundannat għal piena ta' priġunerija effettiva u jsostni li l-Qorti tista' tikkunsidra riforma fil-piena erogata li tkompli tinkoraġġixxi l-progress li għamel.

Illi din il-Qorti rat il-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti fejn **Joseph Formosa** (missier l-appellant – *a fol.* 33 *et seq.*) qal li kien wasal sal-punt li qal lill-ibnu l-appellant biex ma jmurx aktar id-dar. Jirriżulta li dakinhar tal-akkadut, l-appellant mar id-dar f'Ħad-Attard u baqa' jimbotta l-bieb sakemm inkisret il-ħġieġa tiegħu. Bħala ġenitur hu xtaq li ibnu jirranġa.

Illi l-istess fatti ngħataw minn **Julia Formosa** (omm l-appellant – *a fol.* 37 *et seq.*) li qalet li bl-imbuttar tiegħu binha l-appellant faqa' l-ħġieġa tal-bieb. Hija wkoll xtaqet li binha jirranġa u jinbidel. Tgħid li l-appellant kien mar jgħix għal rasu u ma kienx qed iħabbat aktar u kien qiegħed jaħdem.

Illi r-rapporti tal-Uffiċjal tal-*Probation* dwar l-appellant ma kienux inkoraġġanti.

Illi din il-Qorti tinnota li fl-istadju tal-appell quddiem din il-Qorti diversament preseduta reġgħu xehdu kemm missier kif ukoll omm l-appellant. Il-missier **Joseph Formosa** (*a fol.* 71 *et seq.*) qal li s-sitwazzjoni kienet saret normali u tajba u meta tqabbel ma' qabel illum it-tifel huwa aħjar. Jgħid li t-tifel kien qed jaħdem bħala *chef* u kien qed joħroġ ma' xi ħadd. Jgħid li ibnu l-appellant ma kienx għadu jmur iħabbat fuq il-bieb għall-flus. Da parte tagħha, **Julia Formosa** (omm l-appellant – *a fol.* 73 *et seq.*) ikkonfermat ukoll li binha kien inbidel ħafna. Tgħid li huma ma kienux tal-fehma li t-tifel jintbagħat il-ħabs u tgħid li għalissa kien qed jgħix magħhom.

Illi fis-sottomissjonijiet (*a fol.* 75 *et seq.*) mismugħa minn din il-Qorti diversament preseduta jirriżulta li anke l-Prosekuzzjoni qablet li f'dan il-każ sentenza ta' priġunerija ma kinitx tkun l-aħjar soluzzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:
>
> > "Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan tagħmlu

> biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat, tinnota li meħud in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant u li tagħhom huwa nstab ħati inkluż dak li jirriżulta mill-fedina penali tal-appellant u dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija mill-ġenituri tal-appellant li dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant qed ikun milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Owen James Formosa u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat tliet (3) xhur priġunerija flimkien ma' Ordni ta' Trattament taħt Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok billi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi piena ta' priġunerija ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġjiet ta' Malta, a tenur ta' Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqieghed lill-appellant Formosa taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sena mil-lum, liema ordni huwa soġġett għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-appellant Formosa bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' *Probation* u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-ordni u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' *Probation,* jistgħa jingħata sentenza għar-reati li tagħhom huwa nstab ħati.

*Ai termini* ta' Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' *Probation* mogħti b'digriet tallum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* sabiex jassenja uffiċjal tal-*probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' l-appellant Owen James Formosa.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**